

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Is-Sitt Awla) tad-19 ta' Novembru
2009 — EREF vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-94/07)

“Rikors għal annullament — Rappreżentanza minn avukat li ma għandux il-kwalità ta’ terz — Inammissibbiltà manifesta”

Proċedura — Rikors promotur — Rekwizitti proċedurali — Kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-firmatarju (Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-tielet u r-raba' paragrafu tal-Artikolu 19; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 43(1)) (ara l-punti 14-22)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2006) 4963 finali, tal-24 ta' Ottubru 2006, dwar self minn konsorżju u self bilaterali mogħti fil-kuntest tal-bini minn Framatome ANP ta' impjant nukleari għal Teollisuuden Voima Oy.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.

- 2) European Renewable Energies Federation ASBL (EREF) għandha tbat i-l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej.